

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>Rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili  
Rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili

Greċja

**Artikolu 18 (a)(i) - I-awtoritajiet li huma kompetenti biex jordnaw miżuri ta' protezzjoni u joħorġu ó-ċertifikat f'konformità mal-Artikolu 5**

Il-miżuri protettivi jistgħu jiġu ordnati minn imħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza b'Imħallef Uniku ta' Ateni (*Monomelés Protodikeío Athinón*), li tippresjedi fil-proċedimenti għal miżuri *interim* (*diadikasía ton asfalistikón métron*).

**Artikolu 18 (a)(ii) - I-awtoritajiet li quddiemhom għandha tiġi invokata miżura ta' protezzjoni ordnata fi Stati Membruieħor u/jew li huma kompetenti biex jeżegwixxu tali miżura**

L-awtorità kompetenti hija l-president tal-Assoċjazzjoni rilevanti tal-Marixxalli tal-Qorti (*Sýllogos Dikastikón Epimelitón*), jew il-viċi tiegħu jew tagħha.

**Artikolu 18 (a)(iii) - I-awtoritajiet li huma kompetenti sabiex jagħmlu l-aġġustament tal-miżuri ta' protezzjoni f'konformità mal-Artikolu 11(1)**

Dan jista' jsir minn imħallef tal-Qorti tal-Prim'Istanza b'Imħallef Uniku, li tippresjedi fil-proċedimenti għal miżuri *interim*.

**Artikolu 18 (a)(iv) - Il-qrati li lllhom ir-rikors għal rifjut tar-rikonoxximent u, fejn applikabbli, tal-eżekuzzjoni għandu jiġi ppreżentat f'konformità mal-Artikolu 13**

L-awtorità kompetenti hija l-Qorti tal-Prim'Istanza b'Imħallef Uniku, li tippresjedi fil-ġurisdizzjoni volontarja tagħha (*ekoúsia dikaiodosía*).

**Artikolu 18 (b) - il-lingwa jew lingwi aċċettati għat-traduzzjonijiet kif imsemmi fi-Artikolu 16(1)**

Il-Grieg

L-aħħar aġġornament: 10/07/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.